MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' April, 2010

Numru. 169/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank A. Tabone)**

**vs**
**Piu Attard bin Laurence u Maria née Gatt imwieled fit-18 ta' Mejju 1960 u residenti 10, Triq George McAdam, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 325609G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi **Piu Attard** li gie akkuzat talli nhar it-18.01.2010 ghal habta ta' 12:13hrs fi Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex:-

1. saq trakk bin-numru tar-registrazzjoni BBF 485 meta ma kienx kopert b'polza t'assikurazzjoni rigward ir-riskji ta' terzi persuni
2. saq l-imsemmi trakk minghajr ma l-licenzja kienet mahruga mill-awtorita u mgedda ghas-sena kurrenti
3. u aktar talli klien isuq l-imsemmi trakk b'taghbija ta' materjal (gebel u terrapien) minghajr ma kienet mghottija jew maqfula sabiex jigi prevenut li xi parti minnha taqa fit-triq jew mod ieher tipperikola s-sigurta tat-traffiku jew tal-persuni;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni l-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104, l-Artikolu 15(1) (a) tal-Kapitolu 65 u Regolament 64 u 65 tal-Avviz Legali 146/2003, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' elfejn u hames mitt ewro (€2500) liema multa ghandha tithallas f'hmasa u ghoxrin (25) rata mensili ta' mitt ewro (€100) il-wahda bl-ewwel pagament ikun dovut sal-1 ta' Mejju, 2010;

Finalment il-Qorti qed tissospendi l-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------